**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Nru **182/2024**

**KLARA XERRI (KI 0148441M)**
**LEONARD FARRUGIA (KI 0138437M)**
**MARY FARRUGIA (KI 0424246M)**
**MANUEL CURMI (KI 914551M)**
**BĦALA MANDATARJU SPEĊJALI TA' DANIEL JOSEPH FARRUGIA ASSENTI MINN MALTA**
**RUBEN MARIO FARRUGIA (KI 0276676M)**
**CONCETTA MANGION (NUMRU TAL-PASSAPORT MALTI MT098289)**
**CHRISTOPHER STEPHEN XERRI (KI 418267M)**
**BĦALA MANDATARJU SPEĊJALI TA' CATHERINE MACER-WRIGHT, NICHOLAS FARRUGIA, JOANNA FARRUGIA, SARAH GUEST U CARMELA FARRUGIA ASSENTI MINN MALTA**

**VS**

**EMANUEL FARRUGIA**
**CARMEL FARRUGIA**
**JOSEPH FARRUGIA**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 5 ta' Diċembru 2024**

**Il-Qorti**:

1. Din hija **sentenza preliminari** dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-atturi rikonvenzjonati fir-risposta tagħhom għall-kontro-talba tal-intimati rikonvenzjonanti;

**Preliminari u Fatti tal-Każ**

2. B'rikors datat sittax (16) ta' Frar 2024, ir-rikorrenti Klara Xerri et ppremettew illi huma proprjetarji ta' sebgħin fil-mija (70%) filwaqt illi l-intimati huma proprjetarji ta' tletin fil-mija (30%) tal-proprjetà bin-numru 7/8, Triq San Leonardu, Kirkop, illi kienet tappartjeni lill-ġenituri tal-kontendenti. Ir-rikorrenti daħlu f'konvenju għall-bejgħ tal-istess proprjetà, iżda l-kompraturi jixtiequ jakkwistaw it-totalità tal-proprjetà. Għaldaqstant l-intimati qed jopponu l-istess bejgħ. Ir-rikorrenti qegħdin għalhekk jitolbu lil din il-Qorti: (i) tordna n-notifika ta' dan ir-rikors lill-intimati ai termini tal-Artikolu 495A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) tapprova l-bejgħ propost; (iii) tordna l-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' bejgħ ta' sehem l-intimati mill-proprjeta' fil-jum, ħin u post stabbilit minn din il-Qorti; u (iv) taħtar Nutar Pubbliku għall-pubblikazzjoni tal-istess kuntratt pubbliku, bl-intervent ta' Deputat Kuratur sabiex jirrappreżenta l-eventwali kontumaċi fuq l-istess att ta' bejgħ;

3. B'risposta datata għaxra (10) t'April 2024, l-intimati ssollevaw numru ta' eċċezzjonijiet fil-mertu, fosthom illi huma ma jixtiqux li s-sehem tagħhom mill-fond jinbiegħ lil terzi, stante illi l-fond huwa komodament diviżibbli ai termini tal-Artikolu 504 tal-Kodiċi Ċivili, b'dana illi l-fond jinqasam f'żewġ porzjonijiet indiviżi;

4. B'rikonvenzjoni ppreżentata kontestwalment mar-risposta, l-intimati rikonvenzjonanti talbu lil din il-Qorti sabiex: (a) tiddikjara li l-fond numru 7/8 Triq San Leonardu, Ħal Kirkop huwa komodament diviżibbli f'żewġ ishma/partijiet indiviżi u ugwali li jirrispettaw l-ishma rispettivi spettanti skont il-liġi kemm lir-rikorrenti kif ukoll lill-intimati kollha; (b)

konsegwentement, previa perit arkitett nominandi, sabiex jikkonstata, wara li jaċċedi fl-istess fond, li effettivament dan jista' jinqasam bil-modalità indikata mill-perit arkitett ta' fiduċja tar-rikorrenti, tordna d-diviżjoni tal-istess fond bl-istess modalità; u (c) konsegwentement tordna l-assenjazzjoni taż-żewġ porzjonijiet hekk diviżi lir-rikorrenti u intimati rispettivament kif stipulat fl-Artikolu 499 tal-Kodiċi Ċivili, u għal dan il-għan tinnomina Nutar Pubbliku għall-pubblikazzjoni tal-att rispettiv;

5. B'risposta għat-talba rikonvenzjonali datata sbatax (17) ta' Mejju 2024, l-atturi rikonvenzjonati ssollevaw numru ta' eċċezzjonijiet fosthom żewġ eċċezzjonijiet ta' natura preliminari, u ċjoè:

    a. *Illi l-kontro-talba mressqa għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż stante li ma tissodisfax ir-rekwiżiti tal-artikolu 396 tal-Kap 12; u*

    b. *Illi l-kontro-talba għall-qasma tal-proprjeta' tmur kontra d-dispost tal-artikolu 495A, fis-sens illi jekk il-kontro-talba tiġi aċċettata, tiffrustra għal kollox id-dispost tal-artikolu li jħalli l-azzjoni taħt l-artikolu 495A issir bil-kondizzjoni li "ħadd mis-sidien ma jkun beda azzjoni quddiem xi qorti jew tribunal ieħor għall-qsim tal-proprjeta' li tkun qed tinżamm in komun";*

6. Waqt is-seduta tas-sbatax (17) ta' Mejju 2024, il-partijiet qablu illi l-kawża għandha tiġi differita għat-trattazzjoni dwar dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet sollevati mill-atturi rikonvenzjonanti fir-risposta tagħhom għall-kontro-talba.

**Il-Qorti**

7. Wara illi rat l-atti preżentati mill-partijiet;

8. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet u referenzi tal-intimati rikonvenzjonanti, datata wieħed u għoxrin (21) ta' Ġunju 2024;

9. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi rikonvenzjonati datata tnejn (2) t'Ottubru 2024;

10. Rat illi l-kawża ġiet differita għas-sentenza dwar iż-żewġ eċċezzjonijiet preliminari hawn riprodotti aktar 'il fuq;

11. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet**

**A. <u>L-Ewwel Eċċezzjoni</u>**

12. Permezz tal-ewwel eċċezzjoni tagħhom, ir-rikorrenti rikonvenzjonati jsostnu illi l-kontro-talba mressqa għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż stante li ma tissodisfax ir-rekwiżiti tal-Artikolu 396 tal-Kap 12. Dan ingħad għal żewġ raġunijiet:

   i. L-azzjoni tar-rikorrenti kienet proċedura *ad hoc* imressqa b'rikors, mhux ġuramentat, kif kontemplat fl-Artikolu 495A tal-Kap 16, b'dana illi mhux permess li ssir kontro-talba stante illi l-kontro-talba ssir bi proċedura kompletament different intavolata b'rikors ġuramentat; u

   ii. It-talba tar-rikorrenti hija dik li tisforza bejgħ li jridu l-maġġoranza tal-ko-proprjetarji u li dwaru diġà ġie ffirmat konvenju, filwaqt illi l-kontro-talba hija talba għal diviżjoni tal-proprjetà soġġett tal-konvenju, ċjoè ħaġa estraneja;

13. Min-naħa l-oħra, l-intimati rikonvenzjonanti jilqgħu għall-eċċezzjoni tar-rikorrenti rikonvenzjonati billi jgħidu illi imkien ma jissemma espressament fl-Artikolu 396, taħt piena ta' nullità, illi proċeduri li jinbdew b'sempliċi rikors ikun hemm in-nullità komminata kemm-il darba l-kontro-talba tkun saret b'rikors ġuramentat, b'dana illi l-Artikolu 396 tal-Kap 12 jibqa' għalhekk

applikabbli fl-isfond tad-disposizzjoni tal-Artikolu 495A tal-Kap 16. Infatti, l-Artikolu 398(3) tal-Kap 12 jikkontempla sitwazzjoni fejn l-azzjoni tkun inbdiet b'rikors mhux ġuramentat, bil-kontro-talba tkun waħda b'rikors ġuramentat;

14. Fl-ewwel lok din il-Qorti tinnota illi kuntrarjament għal dak sottomess mill-intimati rikonvenzjonati, l-Artikolu 398(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma jikkontemplax sitwazzjoni fejn azzjoni tkun inbdiet b'rikors mhux ġuramentat; anzi, dan il-provvediment fil-liġi jgħid espressament *"Meta l-proċedimenti jkunu* ***b'rikors ġuramentat****, kontro-talba magħmula fir-risposta ġuramentata tkun tiswa daqs preżentata ta' rikors ġuramentat dwar dik it-talba [...]"* (emfasi ta' din il-Qorti);

15. Fit-tieni lok, filwaqt illi l-intimati rikonvenzjonanti jibbażaw l-argument tagħhom fuq il-fatt illi huma proċedew b'risposta ġuramentata stante illi d-digriet ta' din il-Qorti tal-erbgħa (4) ta' Marzu 2024 illi permezz tiegħu ġiet appuntata l-ewwel seduta jagħmel referenza għal *rikors ġuramentat*, din il-Qorti tirrileva illi huwa evidenti, saħansitra anke mir-rikors promotur innifsu, illi dak fid-digriet huwa żball tal-pinna. Ir-rikors promotur la jinkludi fih l-intimazzjoni illi hija espressament rikjesta ai termini tal-Artikolu 156(1) tal-Kap 12, la ġie ġuramentat minn xi ħadd mir-rikorrenti ai termini tal-liġi, u huwa intavolat bħala *"Rikors ai termini tal-artikolu 495A tal-Kap 16"* u mhux bħala rikors ġuramentat. Għaldaqstant, din il-Qorti ma tarax kif l-intimati rikonvenzjonanti setgħu b'xi mod ġew kundizzjonati jsegwu l-forma u proċedura t'azzjoni intavolata b'rikors ġuramentat meta huwa suffiċjentement evidenti illi dan mhuwiex il-każ;

16. Fi kwalunkwe każ, din il-Qorti rat ukoll illi l-intimati rikonvenzjonanti, filwaqt illi jsostnu illi kienu kostretti jsegwu l-forma ta' rikors ġuramentat, naqsu milli jinkludu l-intimazzjoni rikjesta mil-liġi fit-talbiet rikonvenzjonali tagħhom ai termini tal-Artikolu 156(1) tal-Kap 12 b'applikazzjoni ai termini tal-Artikolu 398(2) u (3) tal-Kap 12. Filwaqt illi huwa minnu illi llum-il ġurnata dan in-nuqqas mhuwiex meqjus ta' gravità tali illi jirrendi l-kontro-talba kompletament nulla (ai termini tal-Artikolu 789(1)(c) tal-Kap 12), ġialadarba

l-intimati rikonvenzjonanti qed jibbażaw l-argument tagħhom fuq punt ta' formalità proċedurali, din il-Qorti ma tistax tonqos milli tagħmel din l-osservazzjoni;

17. Il-premess apparti, din il-Qorti, iżda, tqis illi r-rikorrenti rikonvenzjonati għandhom raġun in kwantu jsostnu illi ġialadarba l-azzjoni ġiet intavolata b'rikors sempliċi, il-kontro-talba ma setgħetx tiġi intavolata b'rikors ġuramentat. Infatti, l-Artikolu 398(2) jagħmilha ċara illi l-konvenut għandu, dwar il-kontro-talba jħares, kemm jista' jkun, ir-regoli stabbiliti bil-Kap 12 jew b'xi liġi oħra għall-att proċedurali li bih il-proċedimenti kienu l-ewwel inbdew. Ġialadarba talba għal diviżjoni trid issir b'rikors ġuramentat, it-talba rikonvenzjonali, in kwantu hija talba magħmula b'rikors ġuramentat, ma tistax tiġi proposta;

18. Madanakollu, in parentesi, din il-Qorti tqis iżda illi r-rikorrenti rikonvenzjonati m'għandhomx raġun in kwantu jsostnu illi japplika b'analoġija għall-każ odjern dak stabbilit fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif diversement presjeduta fl-ismijiet ***Bridget Giusti pro et noe vs Godwin Giusti pro et***. Din il-Qorti rat illi f'***Giusti***, is-sitwazzjoni kienet waħda fejn kien hemm *lex specialis* u *sui generis* – ċjoè l-Kap 386 – illi għaliha ma kinux japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Kap 12. Għaldaqstant il-Qorti kkonkludiet illi ġialadarba l-proċeduri ai termini tal-Artikolu 402 tal-Kap 386 ma setgħux jiġu meqjusa bħala *"kawża"* ai termini tal-Kap 12, ma setgħetx issir kontro-talba skond l-Artikolu 396 *et seq* tal-Kap 12. Dan mhux il-każ fil-każ odjern;

19. Dan ikkunsidrat, iżda, u fid-dawl tal-premess, din il-Qorti tqis illi hija għandha **tastjeni** milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet rikonvenzjonali, u dan stante illi l-kontro-talba, in kwantu hija azzjoni illi tiġi intavolata b'rikors ġuramentat, segwiet azzjoni illi ġiet intavolata b'rikors sempliċi;

20. Din il-Qorti tista' tieqaf hawn; iżda għall-fini ta' kompletezza sejra tgħaddi wkoll sabiex tindirizza t-tieni eċċezzjoni ta' natura preliminari sollevata mir-rikorrenti rikonvenzjonati:

B. **<u>It-Tieni Eċċezzjoni</u>**

21. Fit-tieni eċċezzjoni tagħhom, ir-rikorrenti rikonvenzjonati jsostnu illi l-kontro-talba għall-qasma tal-proprjetà tmur kontra d-dispost tal-artikolu 495A, stante illi jekk il-kontro-talba tiġi aċċettata, tiffrustra għal kollox id-dispost tal-artikolu li jħalli l-azzjoni taħt l-Artikolu 495A ssir bil-kundizzjoni illi ma jkunx hemm azzjoni quddiem xi qorti jew tribunal ieħor għad-diviżjoni tal-proprjetà;

22. Mill-banda l-oħra, l-intimati rikonvenzjonanti jsostnu illi l-liġi timpedixxi biss l-intavolar t'azzjoni ai termini tal-Artikolu 495A <u>wara</u> illi tkun ġiet diġà ġiet intavolata azzjoni għal diviżjoni, iżda mhux vice-versa, b'mod partikolari meta jkun hemm possibiltà illi bl-azzjoni ai termini tal-Artikolu 495A tal-Kap 16 id-drittijiet tagħhom kienu ser jiġu gravament preġudikati;

23. L-Artikolu 396 tal-Kap 16 jistabbilixxi illi:

> *396.Fil-kawżi, l-konvenut jista' jagħmel kontro-talba kontra l-attur, basta li din il-kontro-talba tkun konnessa mat-talba tal-attur kif sejjer jingħad hawn taħt:*
>
> *(a) meta l-kontro-talba tal-konvenut tkun ġejja mill-istess fatt, jew mill-istess kuntratt jew titolu li minnu tkun ġejja t-talba tal-attur; jew*
>
> *(b) meta l-iskop tal-kontro-talba tal-konvenut huwa li jpaċi l-kreditu mitlub mill-attur, jew li b'kull mod ieħor iġib fix-xejn l-azzjoni tal-attur jew li jimpedixxi l-effetti tagħha.*

24. Fit-tieni lok, dwar ir-rekwiżiti sabiex tirnexxi kontro-talba, ġie ritenut fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Air Malta plc vs Lawrence Borg noe***[1]:

[1] Ċit Nru 791/2003, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ J R Micallef, 30 ta' Ġunju 2004 (in ġudikat)

*Illi l-Qorti tħossha fid-dmir li tagħmilha ċara li l-fatt li għan ta' parti mħarrka jkun li ġġib fix-xejn azzjoni mressqa kontriha ma jirrendix ġustifikat invarjabbilment it-tressiq ta' att ġudizzjarju fl-għamla ta' rikonvenzjoni. L-istess għan jintlaħaq b'Nota tal-Eċċezzjonijiet. Ma kien qatt il-ħsieb tal-leġislatur li jirrendi l-azzjoni rikonvenzjonali bħala strument ordinarju li bih kull kawża tfaqqas fi tnejn. Kemm hu hekk, ir-rikonvenzjoni hija rimedju straordinarju proċedurali li għandu ħsieb u għan speċifiku, u kemm hu hekk hija waħda minn dawk il-proċeduri li l-Kodiċi isejjaħ "speċjali". Dan jingħad ukoll minkejja li l-jedd li titressaq talba rikonvenzjonali huwa mogħti lill-imħarrek mingħajr limitu dwar l-għamla ta' azzjoni li fiha tista' ssir;*

*Illi r-raġunijiet għaliex l-eċċezzjoni taħt eżami għandha tiġi mistħarrġa jridu jmorru lejn il-ħsieb veru wara l-istitut tar-rikonvenzjoni. L-abbli difensur tal-kumpannija attriċi seħaq li ma hemm l-ebda rabta bejn dak li qegħda titlob il-kumpannija attriċi u dak li qegħda titlob il-kumpannija mħarrka kontriha fil-kontro-talba tagħha. Hawn wieħed ma jistax ma jirreferix għall-kliem "istess kuntratt" jew "fatt" li wieħed isib fl-imsemmi artikolu 396. Huwa stabilit li b'"fatt" wieħed jifhem dik il-ġabra ta' operazzjonijiet jew negozji li nisslet ir-rabta ġuridika . […] Il-Qorti hija tal-fehma meqjusa li "fatt" ma jista' jkun qatt xi ħaġa li tnisslet u seħħet wara u b'konsegwenza tal-fatt li nbdew proċeduri fil-Qorti biex jiġi determinat ġuridikament jekk xi waħda mill-partijiet kinitx kisret il-ftehim - jiġifieri, l-veru "fatt";*

*Illi din il-Qorti, wara li ħasbet sewwa fuq il-portata tal-kliem tal-paragrafi rilevanti tal-artikolu 396, issib li dan ma jistax jiġi sewwa mfisser jekk mhux fid-dawl tal-kliem ewlieni ta' dak l-artikolu, u preċiżament mal-ħtieġa li bejn*

> *talba u kontro-talba jrid ikun hemm konnessjoni u li tali konnessjoni trid tinstab bejn l-istess partijiet;*
>
> *Illi dwar it-tifsir tal-konnessjoni meħtieġa mal-azzjoni attriċi biex tista' trieġi l-kontro-talba, wieħed irid iżomm quddiem għajnejh ukoll li fl-istitut tar-rikonvenzjoni, l-azzjoni u l-azzjoni rikonvenzjonali jitqiesu bħala żewġ azzjonijiet li kapaċi joqogħdu waħedhom f'eżistenza indipendenti u awtonoma. Kemm hu hekk, l-artikolu 401 tal-Kodiċi jseddaq din l-awtonomija. Għalhekk, b'"konnessjoni" wieħed ċertament ma jifhimx li l-kontro-talba tkun dipendenti fuq it-talba jew in-natura tagħha. Iżda l-elementi li trid il-liġi jridu jkunu murija sewwa biex il-kontro-talba tista' titressaq kif imiss;*

25. M'hemm l-ebda dubju illi fil-każ odjern tissustixxi l-konnessjoni bejn l-istess partijiet fil-kawża proprja u fir-rikonvenzjoni, b'dana għalhekk illi dan l-element huwa sodisfatt. Inoltre, l-azzjoni u l-azzjoni rikonvenzjonali huma azzjonijiet illi jistgħu joqogħdu waħedhom f'eżistenza indipendenti u awtonoma, u dan fi proċeduri ai termini tal-Artikolu 495A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta fil-każ tal-azzjoni, u f'kawża għal diviżjoni ai termini tal-Artikolu 496 *et seq* tal-Kap 16 fil-każ tal-azzjoni rikonvenzjonali. Dak illi għandu jiġi determinat, għalhekk, huwa jekk hemmx il-konnessjoni bejn l-azzjoni u l-azzjoni rikonvenzjonali;

26. Ġie ritenut fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Busy Bee Estates Limited vs Anthony sive Tony Formosa***[2], illi *"l-provvedimenti tal-Artikolu 495A huma ta' natura straordinarja"*, u illi l-Artikolu 495A ixejjen id-dritt assolut ta' komproprjetarju mogħti lilu fl-Artikolu 495(2) tal-Kap 16, *"billi jissoggetta l-volonta` tal-komproprjetarji minoritarji ghal dik tal-komproprjetarji li ghandhom l-akbar sehem, meta l-komunjoni tkun ipperdurat ghal aktar minn ghaxar snin, u l-volonta` ta' dawn timmanifesta ruhha f'kundizzjonijiet*

[2] Rik Nru 651/2007/1, Qorti tal-Appell (Superjuri), 25 ta' Novembru 2011

*li ma jaggravawx il-posizzjoni tal-komproprjetarji ta' ishma izghar. F'dawn ic-cirkostanzi l-komproprjetarju maggoritarju jista` jiddetta, jekk mhux il-kondizzjonijiet, il-bejgh innifsu."*;

27. Mill-banda l-oħra, *"d-dritt li għandu l-konsorti, huwa dak li jitlob id-diviżjoni, jekk din hija possibbli, u subordinatament biss li tintalab il-liċitazzjoni. Il-fundament ta' dan huwa li kulħadd għandu d-dritt iżomm il-porzjoni li tmissu in natura (art 198 Ordinanza (art. 502 Kod Ċiv)), u għalhekk il-Qrati għandhom, fil-każi singoli, jeżaminaw jekk dan huwiex possibbli, għaliex diversament, oltri li jkun vjolat l-artikolu 198 (art 502 Kod Ċiv) fuq imsemmi, ikun inġust għal dik il-parti li trid iżżomm il-porzjoni in natura li tkun obbligata mill-parti l-oħra li tiġi għall-bejgħ tagħha"* (***Emmanuele Galea noe et vs Enrichetta Spiteri et***[3]);

28. Huwa evidenti għalhekk illi fl-essenza tagħhom, l-azzjoni u l-azzjoni rikonvenzjonali huma azzjonijiet illi jopponu lil xulxin, stante illi filwaqt illi fl-azzjoni qiegħed jiġi mkisser *"il-power of veto"*[4] tal-intimati b'rikors ai termini tal-Artikolu 495A tal-Kap 16, b'dana illi qed tintalab l-awtorizzazzjoni għall-bejgħ ta' proprjetà tal-intimati lil terzi f'eċċezzjoni għar-regola illi komproprjetarju għandu dritt assolut fuq sehmu mill-proprjetà, fl-azzjoni rikonvenzjonali l-intimati rikonvenzjonanti qed jitolbu illi jirritjenu l-porzjon indiviż li jappartjeni lilhom, u dan kif inhi r-regola ġenerali prevista mil-liġi;

29. Din il-Qorti għalhekk tqis illi minkejja illi wieħed qiegħed jitkellem dwar l-istess fond, l-istess komproprjetarji u l-istess stat ta' komproprjetà, dawn iż-żewġ azzjonijiet ma jistgħux jitressqu f'azzjoni u azzjoni rikonvenzjonali, stante illi *"il-fatt"* illi fuqu hija bbażata l-azzjoni huwa wegħda ta' bejgħ tar-rikorrenti ma' terzi, filwaqt illi *"il-fatt"* illi hija bbażata fuqu l-azzjoni rikonvenzjonali hija volontà da parti ta' wħud mill-komproprjetarji sabiex jirritjenu l-proprjetà tagħhom. Dan huwa aktar u aktar evidenti meta wieħed iqis il-fatt illi sabiex tirnexxi l-azzjoni ai termini tal-Artikolu 495A tal-Kap 16, waħda mir-rekwiżiti hija preċiżament illi ma jkunx hemm azzjoni ta' diviżjoni

[3] Qorti tal-Appell (Superjuri), 21 ta' Novembru 1938
[4] Onor Carmelo Mifsud Bonnici waqt il-laqgħa tal-11 ta' Mejju 2004 tal-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi

pendenti. Dan minnu nnifsu jixhed kemm mhux talli m'hemmx konnessjoni bejn dik illi qiegħda tiġi hawnhekk vantata bħala azzjoni u dik illi qiegħda tiġi vantata bħala azzjoni rikonvenzjonali, iżda talli ż-żewġ azzjonijiet huma intrinsikament inkompatabbli flimkien, saħansitra anke fil-liġi stess;

30. Se mai, f'azzjoni intavolata ai termini tal-Artikolu 495A tal-Kap 16, illi, kif ġie ritenut aktar 'il fuq, hija azzjoni illi tikkostitwixxi eċċezzjoni għar-regola ġenerali ta' *absolute ownership* ta' komproprjetarju fuq is-sehem rispettiv tiegħu mill-proprjetà, l-intimati rikonvenzjonanti għandhom id-dritt jopponu l-bejgħ billi jġibu prova ta' preġudizzju gravi illi jistgħu jbatu minħabba l-bejgħ mitlub mir-rikorrenti, b'dana illi din il-Qorti tkun disposta illi tiċħad it-talbiet rikorrenti jekk jirriżulta illi l-preġudizzju illi jiġi arrekat lill-intimati fil-każ illi tintlaqa' t-talba tar-rikorrenti huwa ta' gravità tant illi jistħoqq illi jiġu miċħuda t-talbiet rikorrenti. Din il-Qorti nnotat ukoll illi r-rikorrenti, fi kwalunkwe każ, mhumiex qed jitolbu, sussidjarjament fil-każ illi ma jintlaqgħux it-talbiet tagħhom, il-bejgħ b'liċitazzjoni tal-fond, b'dan għalhekk illi hija kompletament mankanti l-possibilità illi jiġu preġudikati d-drittijiet tal-intimati rikonvenzjonanti fil-każ illi din l-azzjoni jkollha eżitu sfavorevoli għar-rikorrenti rikonenzjonati;

31. Għaldaqstant, din il-Qorti tqis illi hija għandha **<u>tilqa</u>**' wkoll it-tieni eċċezzjoni preliminari sollevata mir-rikorrenti rikonvenzjonati, u **<u>tastjeni</u>** milli tiegħu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet rikonvenzjonali tal-intimati rikonvenzjonati.

**Decide**

32. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

   i. **<u>Tilqa</u>'** l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet sollevati mir-rikorrent rikonvenzjonati; b'dana illi

   ii. **<u>Tastjeni</u>** milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet rikonvenzjonali; u konsegwement

iii. **<u>Tordna l-prosegwiment</u>** tal-azzjoni intavolata ai termini tal-Artikolu 495A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri a karigu tal-intimati rikonvenzjonanti.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Geraldine Rickard**
**Deputat Reġistratur**